# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 7 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 845/01**

**Numru 15**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Mario u Yonnis Mary mizzewgin Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu is-somma ta' elf, sitt mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm1,620.00) import ta' ghoxrin-il (20) kambjala migbuda mis-socjeta' Paola Motors Limited gia' Daewoo (Malta) Limited gia' Universal Commerce Agency Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta' mittenti liema kambjali huma skaduti u mhux imhallsa fil-25 ta' Frar 2000, 25 ta' Marzu 2000, 25 ta' April 2000, 25 ta' Mejju 2000, 25 ta' Gunju 2000, 25 ta' Lulju 2000, 25 t'Awissu 20000, 25 ta' Settembru 2000, 25 t'Ottubru 2000, 25 ta' Novembru 2000, 25 ta' Dicembru

2000, 25 ta’ Jannar 2001, 25 ta’ Frar 2001, 25 ta’ Marzu 2001, 25 ta’ April 2001, 25 ta’ Mejju 2001, 25 ta’ Gunju 2001, 25 ta’ Lulju 2001, 25 ta’ Awissu 2001 u 25 ta’ Settembru 2001 rispettivament (Dok “A1 sa A20”) flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta’ l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta’ l-effettiv pagament. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 6 ta’ Frar, 2001 (Dok “B”) u tal-Mandati ta’ sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz u mmarkati Dok “A1” sa Dok “A 20” u “Dok B”.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fis-26 t’Ottubru 2001 u li biha ammettew it-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz;

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm1620.00,0 bl-imghaxijiet legali mid-data ta‘ skadenza ta’ kull kambjala esebita in atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Frar 2001 u tal-mandati ta’ sekwestru u qbid kawtelatorju tal-4 ta’ Ottubru 2001.

Albert Calleja
Deputat Registratur